

# Taqisira għaċ-Ċittadini

## QAFAS TA' KWALITÀ GĦAR-RISTRUTTURAZZJONI TAL-UE

### X'INHIL-KWISTJONI?

Mill-2002 'l hawn, iċ-Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ tal-Bidla (EMCC) irreġistra aktar minn 16, 000 operazzjoni ta' ristrutturazzjoni, b'telf nett ta' impjiegi ta' aktar minn 2 miljuni. Dawn jaffettwaw kull pajjiż fl-Ewropa u huma sors ewlieni ta' tħassib fil-kuntest tar-reċessjoni.

Kumpaniji li għaddejjin minn ristrutturazzjoni spiss jirreaġixxu għal avvenimenti, aktar milli jantiċipaw il-problemi u jieħdu azzjoni preventiva:

- Ħaddiema rari jibbenefikaw minn miżuri ta' appoġġ bil-quddiem bħal taħriġ li jista' jgħin hom isibu impjieg ġdid aktar malajr.
- Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema huma sikwit involuti fi stadju wisq tard fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
- Ta' spiss il-maniġment ma jirnexxilux jagħmel biżżejjed biex jinvolvi organizzazzjonijiet esterni bħal awtoritajiet reġjonali jew jagħmel dan tard wisq. Dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jagħmlu ħafna biex itaffu l-impatt soċjali negattiv tar-ristrutturazzjoni.

Biex tippermetti lill-industrija tadotta b'suċċess, filwaqt li tillimita l-effetti negattivi tar-ristrutturazzjoni, meħtiġin 3 affarijiet:

- antiċipazzjoni
- tfejjiġa soda, u
- maniġment soċjalment responsabbli

Il-Qafas ta' Kwalità għar-Ristrutturazzjoni jelenka l-prattiki tajba ewlenin tal-atturi prinċipali kollha f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni tappellathom sabiex jirrispettaw dawn il-prattiki tajba, li jfisser li jagħmlu aktar biex jantiċipaw avvenimenti u jieħdu inizzjattivi fi stadju bikri.

### MIN SE JIBBENEFIKA U KIF?

Jekk dan ikun qed jiġi implimentat, il-Qafas ta' Kwalità għar-Ristrutturazzjoni se jgħin ħalli n-negozji jsiru aktar kompetittivi fit-tul, jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet tal-impjiegi u jgħin lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja biex isibu xogħol ġdid malajr kemm jista' jkun.

Ir-reġjuni affettwati mir-ristrutturazzjoni għandhom isibu gwida dwar kif jieħdu l-inizzjattiva, itaffu l-impatt ekonomiku u soċjali ta' ristrutturazzjoni u jerġgħu jagħtu l-ħajja lill-ekonomija reġjonali b'suċċess.

### GĦALIEX HEMM BŻONN LI TAGĦXXI L-UE?

Ir-ristrutturazzjoni korporattiva spiss tirrifletti l-iżviluppi li jaffettwaw aktar minn Stat Membru wieħed tal-UE, bħalma huma l-kriżi finanzjarja reċenti, it-tnaqqis fid-domanda tal-konsumatur, u ż-żieda fil-kompetizzjoni minn ekonomiji oħrajn.

Għalkemm ir-ristrutturazzjoni hi primarjament kwistjoni għall-kumpaniji, il-ħaddiema tagħhom u r-reġjuni affettwati, Qafas ta' Kwalità għar-Ristrutturazzjoni se jxerred u jippromwovi l-aħjar Prattiki nazżjonali mal-UE kollha. Il-gwida li jipprovdi għalhekk se tikkomplementa azzjoni nazżjonali, reġjonali jew lokali.

### **X'SE JINBIDEL EŻATTAMENT?**

L-inizjattiva se tippromwovi l-antiċipazzjoni għall-futur minn dawk involuti fir-ristrutturazzjoni u tteġġeg il-ġestjoni soċjalment responsabbli fi proċess ta' din ix-xorta. Dan jista' jgħin biex jiġi evitat il-kunflitt u, f'xi każijiet, sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Aktar antiċipazzjoni

- se tagħmel il-kumpaniji aktar kompetittivi, u
- tgħin lill-ħaddiema jagħmlu aktar għażliet infurmati, li jippermettulhom li jibdlu l-impjegi aktar faċilment.

### **META MISTENNIJA TIDĦOL FIS-SEĦĦ IL-PROPOSTA?**

Il-Kummissjoni tistieden lill-kumpaniji, rappreżentanti tal-ħaddiema, iż-żewġ naħat tal-industrija u l-awtoritajiet reġjonali u nazzjonali biex jibdew jiġu applikati prattiki tajba kif imfassla fil-Qafas ta' Kwalità għar-Ristrutturazzjoni mal-ewwel opportunità.

FI-2016 se tirrevedi sa liema punt dawn qed jagħmlu użu mill-Qafas ta' Kwalità u mbagħad tiddeċiedi jekk teħtieġx li tittieħed azzjoni aktar b'saħħitha.